



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.11.2013  
COM(2013) 909 final

2013/0399 (NLE)

Proposta għal

**OPINJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-Programm tas-Sħubija Ekonomika ta' Malta**

Proposta għal

**OPINJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-Programm tas-Sħubija Ekonomika ta' Malta**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013<sup>1</sup> dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) għandu l-għan li jiżgura dixxiplina baġitarja madwar l-Unjoni u jistabbilixxi l-qafas għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' defiċits eċċessivi tal-gvern. Huwa bbażat fuq l-oġettiv ta' finanza sodi tal-gvern bħala mezz ta' tisħiħ tal-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għat-tkabbir b'saħħtu u sostenibbli bbażat fuq l-istabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa l-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ miżjud tal-politiki baġitarji fiż-żona tal-euro u għall-iżgurar li l-baġits nazzjonali jkunu konsistenti mal-gwida dwar il-politika ekonomika maħruġa fil-kuntest tal-PST u s-Semestru Ewropew. Billi miżuri purament baġitarji jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex tiġi żgurata korrezzjoni fit-tul tad-defiċit eċċessiv, jistgħu jkunu meħtieġa miżuri ta' politika u riformi strutturali addizzjonali.
- (3) L-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 473/2013 jistabbilixxi l-modalitajiet għall-Programmi ta' Sħubija Ekonomika, li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri taż-żona tal-euro fi Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv. Sabiex jistabbilixxi pjan direzzjonali ta' miżuri li jikkontribwixxu għal korrezzjoni effettiva u fit-tul tad-defiċit eċċessiv, il-Programm ta' Sħubija Ekonomika għandu jippreżenta fid-dettall ir-riformi fiskali-strutturali ewlenin, b'mod partikolari dawk li jirreferu għat-taxxa, għas-sistemi tal-pensjonijiet u tas-saħħa u għall-oqfsa baġitarji, li se jkunu strumentali biex jiġi kkoreġut fit-tul id-defiċit eċċessiv.

---

<sup>1</sup> ĠU L 140, 27.5.2013 p. 11.

- (4) Fil-21 ta' Ġunju 2013, il-Kunsill adotta deċiżjoni skont l-Artikolu 126(6) tat-Trattat, li permezz tagħha Malta qed titqiegħed fi proċedura ta' defiċit eċċessiv. F'dan il-kuntest, Malta ntalbet sabiex tippreżenta Programm ta' Sħubija Ekonomika sal-1 ta' Ottubru 2013.
- (5) Fl-1 ta' Ottubru 2013, u b'hekk fil-perjodu ta' żmien stabbilit mill-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 473/2013, Malta ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill Programm ta' Sħubija Ekonomika, li jstabbilixxi riformi strutturali li għandhom l-għan li jsaħħu l-finanzi pubbliċi u, b'mod aktar wiesa', jikkonformaw mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi (CSRs) tal-2013. Dawn il-politiki jistgħu jiġu raggruppati taħt l-oġettivi li ġejjin: (i) l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi (CSR 1, 2 u 4), (ii) it-tisħiħ tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika (CSR 2 u 5), (iii) iż-żieda fil-produzzjoni potenzjali, filwaqt li tiżdied il-kompetittività u tiġi promossa ekonomija diversifikata u bilanċjata (CSR 2, 3 u 4) u (iv) is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja (CSR 5).
- (6) Il-miżuri fiskali-strutturali li Malta qed tippjana li timplimenta huma dawn li ġejjin: (i) riforma tal-qafas fiskali, (ii) analiżi tal-infiq fil-livell tal-ministeri, (iii) aktar progress dwar ir-riforma tal-pensjonijiet permezz tal-introduzzjoni tat-tielet pilastru tal-pensjoni, (iv) miżuri sabiex tittejjeb il-provvista ta' servizzi fis-settur tas-saħħa, (v) ristrutturar ta' impriżi proprjetà tal-istat, (vi) żieda fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u (vii) ċaqliq gradwali tal-piż tat-taxxi mit-taxxi diretti għal dawk indiretti. Dan il-pakkett ta' miżuri huwa fil-biċċa l-kbira adegwat u jista' jiġi mistenni li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-finanzi pubbliċi. Madankollu, jidhru neċessarji aktar sforzi f'xi oqsma, bħall-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.
- (7) Ir-riforma tal-qafas fiskali hija adegwata u tista' tiġi mistennija li ssaħħaħ il-governanza fiskali u li tgħin sabiex tillimita d-deterjoramenti fiskali. It-twaqqif ta' kunsill fiskali indipendenti jista' jiġi mistenni li jikkontribwixxi għal titjib fil-monitoraġġ u l-ippjanar tal-finanzi pubbliċi ta' Malta. Ir-riforma, madankollu, għadha ma ġietx adottata mill-parlament.
- (8) L-analiżi tal-infiq li jinsab għaddej li għandu l-għan li jidentifika ffrankar fin-nefqa u jtejjeb l-effiċjenza tal-infiq pubbliku jista' jirriżulta, minn naħa, fi tkabbir anqas tan-nefqa u, min-naħa l-oħra, fi nfiq li jiffavorixxi aktar it-tkabbir.
- (9) L-introduzzjoni tat-tielet pilastru tal-pensjoni tista' ttejjeb l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet, iżda ma tikkontribwixxix għat-titjib tas-sostenibbiltà tagħha. L-ebda waħda mill-miżuri rilevanti l-oħra rrakkomandati lil Malta taħt is-CSR 2, jiġifieri l-aċċellerazzjoni taż-żieda fl-età statutorja tal-irtirar u ż-żieda fl-età tal-irtirar effettiva, ma jidhru li qegħdin jiġu kkunsidrati.
- (10) Il-miżuri pplanati għat-titjib tal-provvista tas-servizzi fis-settur tas-saħħa jistgħu jkunu mistennija li jtejjbu l-effiċjenza u l-adegwatezza tas-sistema. Madankollu, fl-istess waqt jistgħu jikkontribwixxu għal domanda u użu aktar għoljin għas-servizzi tas-saħħa ffinanzjati mill-gvern. Fl-assenza ta' informazzjoni aktar dettaljata dwar il-miżuri, mhux possibbli li jiġi ddeterminat sa liema punt ir-riforma tista' tnaqqas il-pensjonijiet fuq in-nefqa pubbliku fit-tul.
- (11) Ir-ristrutturar ta' impriżi li huma proprjetà tal-istat, bħal-linja tal-ajru nazzjonali, Air Malta, u l-kumpanija tal-enerġija Enemalta, jista' jtejjeb il-prestazzjoni finanzjarja tagħhom u jwassal għal tnaqqis fl-obbligazzjonijiet kontinġenti minn fuq il-finanzi tal-gvern. L-isforzi ta' politika fis-settur tal-enerġija huma partikolarment notevoli, fejn il-

fornitur ewlieni tal-enerġija, l-Enemalta, għandha dejn garantit mill-gvern li jammonta għal madwar 10% tal-PDG. Barra minn hekk, wieħed jista' jistenna li dan għandu jnaqqas il-ħtieġa ta' sussidji mill-gvern fil-futur.

- (12) L-awtoritajiet ippreżentaw taħlita ta' miżuri li jinsabu diġà għaddejjin u oħrajn ġodda li wieħed jista' jistenna li se jżidu l-kapaċità tal-amministrazzjoni pubblika sabiex tinforza l-konformità mat-taxxa u tnaqqas l-evażjoni tat-taxxa. Minbarra dan, il-programm fih miżuri li jnaqqasu t-tul u jżidu l-effiċjenza tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku.
- (13) Il-bidla gradwali indikata mit-taxxi diretti għal dawk indiretti tista' tinkoraġġixxi l-ħolqien tal-impjiegi u tagħmel is-sistema tat-taxxa waħda li tgħin aktar it-tkabbir. Madankollu, din il-bidla hija deskritta f'termini ġenerali ħafna mingħajr ma ġew ipprovduti dettalji. Minbarra dan, għadhom ma ġewx ippreżentati pjanijiet biex it-taxxa korporattiva tkun inqas imxaqilba favur id-dejn.
- (14) Il-Programm ta' Sħubija Ekonomika fih ukoll firxa ta' miżuri mhux fiskali li fil-bieċa l-kbira għandhom l-oġġettiv li tinkiseb konformità mar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tal-2013. Il-pjanijiet tal-politika jinkludu riformi komprensivi tas-sistema ġudizzjarja u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija. Il-miżuri jidheru li jmorru fid-direzzjoni t-tajba u jistgħu jkunu mistennija li jikkontribwixxu għall-ħolqien tat-tkabbir u l-impjiegi f'Malta, filwaqt li jħarsu wkoll l-istabbiltà finanzjarja. Madankollu, b'mod ġenerali dawn għadu għaddej ix-xogħol fuqhom, filwaqt li l-informazzjoni pprovduta sikwit hija limitata. Għaldaqstant, analiżi ulterjuri tal-impatt tal-pjanijiet tal-politika u l-kontribuzzjoni tagħhom sabiex jindirizzaw l-isfidi identifikati fis-CSRs tal-2013 se tkun meħtieġa ladarba l-pjanijiet tal-politika jkunu aktar konkreti u l-implimentazzjoni tagħhom timxi 'l quddiem,

#### ADOTTA DIN L-OPINJONI:

Il-Programm ta' Sħubija Ekonomika ta' Malta ppreżentat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fl-1 ta' Ottubru 2013 jinkludi sett ta' riformi fiskali-strutturali li huwa parzjalment adegwat sabiex jappoġġa l-kisba ta' pożizzjoni fiskali soda. Speċifikament, il-Programm ta' Sħubija Ekonomika javvanza aktar l-aġenda ta' riforma fiskali u mhux fiskali inkluża fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2013 u jżid pjanijiet ta' politika li jimmiraw li jtejbu l-effiċjenza tan-nefqa tal-gvern, isaħħu l-amministrazzjoni pubblika u jirristrutturaw l-impriżi li huma proprjetà tal-istat. B'mod ġenerali, madankollu, ix-xogħol fuq ir-riformi kollha għadu għaddej u l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom għadhom suġġetti għal riskji. Minbarra dan, xi CSRs għadhom ma ġewx indirizzati b'mod sħiħ, u dawn huma l-preferenza favur id-dejn fis-sistema tat-taxxa korporattiva fis-CSR 1 u s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi fis-CSR 2. Malta hija għalhekk mistiedna li tipprovi informazzjoni addizzjonali dwar l-implimentazzjoni tar-riformi pjanati fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma u l-Programm ta' Stabbiltà, filwaqt li tikkunsidra miżuri addizzjonali li jkunu strumentali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Il-Kummissjoni u l-Kunsill se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-riformi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*